



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' April 2013 — Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi

(Kawża C-65/11)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 9 u 11 — Leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti l-inklużjoni ta’ persuni mhux taxxabli fi grupp ta’ persuni li jistgħu jitqiesu li huma persuna unika taxxabli għall-VAT — Konsultazzjoni tal-Kumitat tal-VAT”

1. *Armonizzazzjoni tal-leġislazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabli — Kunċett — Possibbiltà għall-Istati Membri li jikkunsidraw persuni li għandhom rabta mill-qrib bħala persuna unika taxxabli — Leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti l-inklużjoni ta’ persuni mhux taxxabli fi grupp ta’ persuni li jistgħu jitqiesu li huma persuna unika taxxabli — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Assenza (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 11) (ara l-punti 38-48)*
2. *Armonizzazzjoni tal-leġislazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabli — Kunċett — Possibbiltà għall-Istati Membri li jikkunsidraw persuni li għandhom rabta mill-qrib bħala persuna unika taxxabli — Kundizzjoni — Konsultazzjoni tal-Kumitat konsultattiv tat-taxxa fuq il-valur miżjud — Portata tal-obbligu — Bidliet mhux sostanzjali għar-regoli applikabbli — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Assenza (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 11) (ara l-punt 57)*

Suġġett

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Inklużjoni ta’ persuni mhux taxxabli fi grupp għall-iskop ta’ VAT — Nuqqas ta’ notifika lill-Kumitat tal-VAT tal-bidliet li seħħew fl-implementazzjoni tas-sistema ta’ raggruppament għall-iskop ta’ VAT.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

- 3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda, ir-Repubblika tal-Finlandja, kif ukoll ir-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.